

Brussell, 30 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12585/22

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0221(NLE)
2022/0222(NLE)

LIMITE

COASI 150	AGRI 455
ASIE 73	TRANS 583
CFSP/PESC 1194	ENV 893
RELEX 1213	ENER 453
COHOM 110	ECOFIN 883
CONOP 88	EDUC 319
COTER 223	CULT 99
WTO 176	CLIMA 455
JAI 1203	MIGR 262
DEVGEN 176	ASEM 24

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kunitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Nru dok. Cion: 11712/22 + ADD1, 11711/22 + ADD1

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra

- Adozzjoni

u

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra

- Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-25 ta' Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza negozjati għal Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Malażja (14844/04 DCL 1). Id-direttivi ta' negozjati ddikjaraw li n-natura legali tal-ftehim ser tiġi ddeterminata fi tmiem in-negozjati u abbażi tat-test li jirriżulta minn dawn in-negozjati.

2. In-negozjati mal-Malażja bdew fl-2011 u ġew konklużi f'Diċembru 2015. Il-ftehim ġie inizjalat fis-6 ta' April 2016.
3. Fil-5 ta' Awwissu 2016, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Malażja, u l-abbozz ta' Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Malażja (11644/16 + ADD 1).
4. Fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Settembru 2016, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja (COASI) appella biex tinbidel in-natura legali tal-ftehim sabiex issir waħda mħallta u stieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jeżaminaw l-għażliet għall-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim. Din il-pożizzjoni ġiet approvata mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-22 ta' Marzu 2017.
5. Fit-3 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Proposta Konġunta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Malażja, min-naħa l-oħra (10755/18 + ADD1). Fid-19 ta' Settembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti rrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-deċiżjoni u jawtorizza l-iffirmar tal-ftehim (12102/18).
6. Fid-9 ta' April 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ġie informat li l-Malażja ma kinitx ħerqana li taċċetta l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim u, konsegwenza ta' dan, ser jiġu proposti testi riveduti lill-Kunsill.
7. Fl-1 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra (11712/22 + ADD1). It-test rivedut ma pprevediex l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehim.
8. Fid-19 ta' Settembru 2022, il-COASI qabel li jstieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex japprova t-testi.

9. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:

- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11715/22 u 11732/22;
- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
- jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz tad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokumenti 11714/22 u 11732/22, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.